MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Numru 626/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**MARTIN XUEREB**

**Illum 13 ta' Ottubru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Martin Xuereb ta' 43 seena iben Victor w Cettina nee Ciappara imwieled Pieta fit-13 ta' Novembru 1960 residenti "Maradona" numru 13 Triq il-Kenur l/o Attard w bin-numru tal-identita 753960 (M) gie akkuzat:

Talli f'dawn il-gzejjer fis 21 ta Dicembru 2002 w fi zmien ta qabel b'diversi azzjonijiet maghmula minnu anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu jaghmulin b'rizoluzjoni wahda; bhala detentur tal- fond bl-isem 'Maradona' sitwat fi Triq il-Kenur l/o Attard jew bhala persuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond ghad-dannu ta c-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin w bil-valur li ma jeccedix Lm 1000 w dan kollu bi ksur tal-artikoli 261, 263 (a), 264 (1), 267 w 270 rispettivament tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, zmien w cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u gumni ta l-elettriku jew ikkaguna telf ta kurrent tal-elettriku, u fl-ahhar talli ghamel hsara jew gharraq xi apparat jew parti mill-meter tal-elettriku jew sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli taghhom w dan kollu bi ksur tal-artikolu 326 (1) c & f tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali Dok. DT2 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procdura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li hu konsapevoli li l-imputat hallas lill-Korporazzjoni Enemalta l-ammont dovut rigwardanti dan il-kaz u li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 263(a), 264, 267, 270, 278(3), 280(2), 326(1)(c) u 362(1)(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Martin Xuereb, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li hu konsapevoli li l-imputat hallas lill-Korporazzjoni Enemalta l-ammont dovut rigwardanti dan il-kaz u li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Martin Xuereb l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------